KUNSILL LOKALI **KALKARA** LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 10/2020**

16 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fid-9:00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**10.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

10.1.1 Ma kienx hemm

**10.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

10.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 9 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

10.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop il-minuti ġew approvati unanimament

**10.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**10.3.A** Is-Sindku informa l-Kunsill illi beda l-proċess bażiku ta' karti rigward il-proġett 'Slow Streets'. L-istess dokumenti mimlijijn u ffirmati ntbgħatu lir-reġjun li dawn ser ikunu qiegħedin jikkordinaw mal-assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali biex finalment ikun jista' jinbeda proċess tekniku. Aktar informazzjoni ser tkun qed tingħata lill-kunsill hekk kif ikun hemm żviluppi konkreti hekk kif kien diġa' ġie imwejjed mis-Sindku f'seduti preċedenti.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi x-xtieli ġol planters li tpoġġew f'postijiet varji madwar il-Kalkara, kienu ser ikunu jiġi mibdula il-għaliex ħafna minnhom mietu kif ukoll hemm oħrajn li qiegħedin fil-proċess li jinxfu. Is-Sindku qal illi dawn iridu jinbidlu fuq parir tal-ġardiniera tagħna biex jitħawwlu xtieli ġodda li jaqgħu taħt kategorija ta' ftit li xejn maintenance ħabba raġuni finanzjarji.

C Is-Sindku tkellem fuq il-ġbir ta' skart ta' ħġieġ bil-proċedura ġodda hekk skond kif indikaw il-wasteserv stess. Huwa qal illi din is-sistema ma ħadmitx fil-maġġoranza tal-lokalitajiet fosthom il-Kalkara fejn infatti hu ħa d-deċiżjoni flimkien mas-Seg Eżek illi l-għada tad-data tal-ġbir skond kif inhu suppost saret extra collection mill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart imqabbad mill-kunsill biex jinġabru l-kaxxi tal-kartun u oħrajn li baqgħu fuq il-bankini wara r-residenza tan-nies wara li dawn ma kienux skond l-istruzzjonijiet il-ġodda. Din il-ġabra ser tkun refunded mill-Wasteserv stess hekk kif ġie infurmat il-kunsill mill-assoċjazzjoni wara diskussjonijiet bejn il-lokalitajiet kollha. Is-Sindku infurma wkoll illi għad hemm diskussjonijiet għaddejjin biex tinsab soluzzjoni aħjar għal ġbir tal-ħġieġ mill-lokalitajiet peress illi kien hemm ħafna problemi bir-regoli l-ġodda. Din kienet

direttiva nazzjonali, pero' s-Sindku qal illi jemmen li peress li kien avviż qasir in-nies ma laħqux draw s-sistema jew jifhmu aħjar kif wieħed irid joħroġ skart ta' ħġieġ.

D Is-Sur Sindku informa l-kunsill dwar laqgħa li kellu mal-awtorita' tal-LESA fejn ukoll kien hemm preżenti s-Seg Eżek kif ukoll sidien ta' ħwienet kummerċjali fil-Kalkara wara ħafna lmenti li rċieva fuq iċ-ċitazzjonijiet li qed jinħarġu għan-nies li qed ikunu pparkjati ħażin fiż-żona tax-Xatt. Is-Sindku żied jgħid illi l-impressjoni ta' din il-camera kienet waħda illi ser tkun qed tiġbed il-liwja kerha li hemm fejn ħanut partikolari pero' l-camera li tweħħlet mill-awtorita' msemmija hawn fuq hija waħda li tista' ddur 360 degres u taqbad irregolaritajiet oħra madwar ix-Xatt kollhu. Tajjeb li wieħed jgħid illi l-ħażin huwa ħażin u ma tistax tħalli affarijiet li ilhom isiru snin għaddejjin meta jkollok apparat tajjeb li tista' tneħħi periklu minn ġot-toroq tagħna pero' s-Sindku qal illi jifhem illi sakemm tindara xi ħaġa ġdida tgergir ser ikun hemm dejjem. Huwa qal illi l-mentalita' li wieħed irid jipparka eżatt quddiem ħanut partikolari biex jinqeda trid tinqata'. Fil-maġġoranza tal-lokalitajiet jekk wieħed ifittex jara illi qed jitweħħlu ħafna cameras għal fatt illi ċ-ċentru tal-lokal għandu jkun wieħed ordnat u mhux bi tgeġwiġija ta' karozzi li ħafna minnhom ikunu ta' deterrent għat-transport pubbliku jew viżivament ta' deterrent għat-traffiku li jkun ġej.

l-Sinjura Speranza Chircop qalet illi l-camera dejjem kienet maħsuba biex tikkontrolla ż-żona tax-Xatt fejn hemm mill-liwja partikolari fejn ħanut partikolari fil-verita' u mhux ix-Xatt kollhu.

Is-Sindku żied jgħid illi bi ftehim unanimu waqt il-laqgħa formali li kellu ser ikunu qed jinġiebu l-permessi kollha neċessarji biex iż-żona ta' quddiem iz-zuntier tal-knisja parrokjali tiġi eżentata għal 15-il minuta għal dik il-persuna li forsi nieżlet tixtri ta' malajr, deliveries u anka nies li jwasslu 'l xi anzjan fiż-żona.

**10.4** a Is-sindku informa l-kunsill illi fil-preżent hemm korrespondenza għaddejja biex issir laqgħa formali mal-awtoritajiet ikkonċernati fuq dan il-punt li diġa' kien ġie diskuss u maqbul li jsir.

10.4.b Is-Sindku informa l-kunsill illi wara diskussjoni mal-assoċjazzjoni tal-kunsill hekk kif ġie ssuġerit mill-kunsilliera fis-seduta preċedenti wieħed ikkonferma bil-liġi illi l-latrini fil-lokalitajiet jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill u taħt ħadd iktar. Din il-kwistjoni qajmet ħafna mistoqsijiet minn Sindki oħra li qiegħedin f'sitwazzjoni u għadhom qed jiġu diskussi alternattivi ta' x'wieħed jista' jagħmel qabel ma tittieħed d-deċiżjoni finali skond il-liġi.

10.4 c Is-Sindku informa l-kunsill dwar diskussjoni li kellhu mas-site manager tat-taraġ stess fejn ikkonferma illi kien hemm problema finanzjarja hekk kif qalet is-Sinjura Maria Sultana f'seduta preċedenti minħabba direttiva li ħarġet mill-union tal-periti stess fejn kellhu jerġa' jieqaf ix-xogħol ta' kostruzzjoni f'dan l-istess taraġ. L-istess site manager ikkonferma illi din id-direttiva ġiet imneħħija u huma kienu l-ewwel nies li ħarġu pagament sostanzjali biex dan ix-xogħol jitkompla.

Is-Sinjura Sultana saħqet illi hemm bżonn li l-kunsill isabbat saqajh u ma nħallux iktar lill dawn in-nies jagħmlu li jridu f'lokal li suppost jikkmanda l-kunsill b'rispett lejn ir-residenti li joqgħodu fiż-żona li għalqu 3 snin jgħixu f'eyesore kif ukoll fi trubin. Hija ssuġġeriet li ssir press conference biex b'hekk il-kunsill jiddisaaicja ruħu minn din il-kwistjoni u biex ukoll ir-residenti jkunu jafu l-qgħada tal-kunsill f'din is-sitwazzjoni kollha.

Is-Sindku qal illi hu affarijiet f'idejn miktubin ma għandux u ma jħossx li għandu jsejjaħ press conference mingħajr informazzjoni eżatta u korretta miktuba black on white hekk kif jgħid l-ingliż. Ma jħossux komdu jitkellem abbażi ta' diskussjonijiet li fil-verita' ħafna minnhom ġraw qabel ma nħatar Sindku hu pero' ser ikun qed iġib l-informazzjoni kollha possibli biex wieħed ikun jista' jara x'inhi l-aħjar soluzzjoni biex wieħed jimxi l-quddiem u finalment jitlesta' dan ix-xogħol darba għal dejjem. Is-Sindku żied jgħid illi ser ikun ukoll qed jitkellem mall-assoċjazzjoni tal-kunsilli kif ukoll mal-Fondazzjoni Kottonera għal parir tekniku fuq din il-kwistjoni.

**10.4.d** Is-Sindku informa l-kunsill illi finalment is-Seabin ġie approvat minn naħa ta' tat-Transport Malta u ser ikunu qiegħedin jittranġaw l-affarijiet li hemm bżonn biex jiġi mweħħel u jibda jaħdem wara ħafna taqtih ta' qalb. Is-Sindku żied jgħid illi l-istess struttura ġiet mressqa ftit mill-post maħsub oriġinarjament biex b'hekk ma jkun hemm l-ebda problema meta jqum ir-riħ u jiċċaqlaq u ma jkunx jista' jagħmel ħsara fuq dgħajjes marbutin mal-bagi fil-viċinanzi tiegħu bħal ma' diġa' kien ġara.

**10.4 e** Is-Sindku informa l-kunsill illi fil-preżent qed tiġi ċċirkulata email bejn l-awtoritajiet kkonċernati minn naħa tas-Seg Eżek fuq is-suġġeriment li qalet fis-seduta preċedenti s-Sinjura Speranza Chircop biex isir traffic management aħjar in-naħa ta' Santa Liberata / Santu Rokku.

10.4.f Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi sal-ġurnata ta' din is-seduta ċ-ċirkulari li tintbgħat is-soltu minn naħa tal-kura primarja rigward il-vaċċin tal-influwenza għadha ma ntbatitx biex wieħed ikun jaf x'qed jiġri kif ukoll jekk xi kunsillier ikollu xi lmenti jew mistoqsijiet minn xi residenti rigward l-istess materja ikun jaf x'għandu jwieġeb. Is-Sur Sindku saħaq illi hemm bżonn nistennew struzzjonijiet minn naħa tal-kura primarja biex bħala kunsill inkunu nistgħu nwasslu nformazzjoni korretta lir-residenti tagħna. Tajjeb li wieħed jifhem illi din is-sena l-probabilta' hi li ser ikun hemm sistema differenti mis-snin preċedenti minħabba l-pandemija tal-Covid 19.

Is-Sindku semma wkoll il-fatt illi l-kuntratt tal-kunsill mal-privat fuq il-binja tal-berġa kien dalwaqt ser jiskadi fejn din il-kwistjoni wkoll ser tkun ta' ntopp biex jingħata l-vaċċin.

Is-Sur Bruno ssuġerixxa illi jekk il-binja tal-preżent mhux ħa tkun għadha f'id l-istess kunsill wieħed jista' jipprova jagħmel arranġament mal-ispiżerija fil-lokal biex tingħata hemmhekk.

10.3.e1 Is-Sur Sindku talab il-kunsill japprova 96 siegħa vacation leave tas-Seg Eżek biex jiġu trasferiti għas-sena 2021 mis-sena 2020 dan wara li hija bilkemm tieħu ġurnata leave. Il-kunsill qabel unanimament illi s-siegħat imsemmija hawn fuq għandhom jiġu trasferiti għal benefiċċju tagħha għas-sena 2021.

10.3 e2 Is-Sur Sindku informa l-kunsill dwar attivitajiet ta' fitness li jistgħu jsiru fil-lokal wara spejga b'email li individwu bagħat lill-kunsill bħala korrespondenza. Il-kunsill qabel illi tajjeb li wieħed jitkellem ma' din il-persuna u forsi jaħseb għal sezzjonijiet ta' fitness iktar tard fis-sena 2021 minħabba s-sitwazzjoni li qegħedin fiha fil-preżent visavi l-Covid 19 u ma jkunx għaqli illi jinġemaw gruppi ta' nies flimkien fl-istess lokal.

10.5 A1, A2, A3 Is-Sur Bongailas ikkonferma illi żewġ punti mill-minuti preċedenti diġa' ġew diskussi waqt din is-seduta u ħa r-risposti li kellhu bżonn. Fl-istess ħin is-Sindku wieġbu fuq punt a1 mill-minuti preċedenti fejn ikkonfermali illi qed jiġi skedat meeting fuq iż-żona tax-Xewkija hekk kif issuġġerixxa huwa stess.

A4 Is-Sur Bongailas saħaq illi huwa kellu ħafna lmenti fuq l-iskip li tinsab fi Triq is-Sienja mingħand ġenituri kkonċernati minħabba l-fatt illi din l-iskip qegħeda eżatt fejn l-entratura tal-iskola primarja tal-istess Kalkara. Wara li l-maġġoranza tal-kunsill qablet biex din l-iskip titneħħa miż-żona s-Sinjura Sultana astjeniet għal fatt illi hi saħħqet illi s-servizz ta' ġbir tal-iskart / runner m'huwiex wieħed li toqgħod fuqu b'esperjenza tagħha partikolari fejn ma tinġabriliex il-borża u ssiba komda l-iskip biex tarmi ġo fiha.

Is-Seg Eżek saħħqet illi dan l-ilment ilha tipprova tifhmu l-għaliex mit-triq fejn toqgħod il-kunsilliera Sultana ma jkollniex ilmenti aktar u dan jikkonferma li l-borża tagħha biss qed tibqa' ma tinġabarx għal xi raġuni jew oħra u ser tkun qed tgħajjat meeting jekk hemm bżonn mall-kuntrattur kif ukoll mall-kunsilliera biex wieħed jifhem x'qiegħed jiġri.

A5 Is-Sur Bongailas saħaq illi ftit tal-ġimgħat ilu nġabar skart mormi illegalment minn persuna minn ġo għalqa privata miż-żona ta' Sptar Navali fejn huwa qal illi huwa dejjem ġie ggwidat illi l-kuntrattur tal-kunsill ma jistax ineħħi skart minn żoni

privati u ma setax jifhem kif tneħħa ta' persuna partikolari. Is-Sindku u Seg Eżek ikkonfermaw illi dik il-persuna kkonfermat illi dak l-iskart kienu ħallewħ il-korporazzjoni tal-ilma meta ġew jirranġaw ħsara kbira fiż-żona u b'hekk ġie mqabbad il-kuntrattur tal-kunsill ineħħi l-materjal li kien hemm. Is-Sur Bongailas saħaq illi m'hu veru xejn li ġara dan għal fatt li jaf bi ċert illi dak il-ħmieġ inġema hemm mill-istess persuna għal konvenjenza tagħha.

10.5 b 1 Is-Sinjura Sultana saħħqet illi ħafna xogħol mill-kuntratturi li qed isir fil-lokal qed isir bla permess kif supoost. Is-Seg Eżek qalet illi tajjeb li jekk xi kunsillier jinduna b'dan iċempilla dak il-ħin ħalli tkun tista' tibgħat il-xi ħadd jiċċekja għaliex hi minn ġol-uffiċju mhux dejjem tkun taf x'qed jiġri fuq barra sfortunatament.

10.5b2 Is-Sinjura Maria Sultana qalet illi hemm bżonn tindifa sew ix-Xatt speċjalment jitbgħattlu l-konki tal-ġebel li hemm max-Xatt fejn hemm imħawwlin il-pjanti minħabba l-fatt li qed jintefgħu ħafna fliexken u skart ieħor. Hija żiedet tgħid illi l-awtoritajiet tajjeb li jkunu jafu li hemm persuna barranija torqod fuq il-bankijiet tal-istess xatt li mid-dehra tiegħu huwa bniedem homeless.

B3 Dan il-punt diġa' ġie diskussa f'din is-seduta stess aktar qabel.

C1 Dan il-punt diġa' ġie diskussa f'din is-seduta stess aktar qabel.

C2 Is-Sinjura Speranza Chircop regat talbet u enfazzizat illi xi haga irid isir dwar ir rottot tat transport ppubbliku fil kalkara wara hafna ilmenti li hija stess qeda tircievi mingħand in-nies li jagħmlu użu frekwenti minn dan is-servizz. Is-Sur Sindku kkonferma illi fil-preżent is-Seg Eżek qed tieħu ħsieb tiskeda meeting mal-persuni kkonċernati biex jiġu diskussi dawn l-ilmenti u forsi suġġerimenti għal futur biex ikollna servizz pubbliku aħjar fil-lokal.

C3 Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill dwar ħarġa kulturali li hija qed torganizza f'isem il-kunsill fil-gżira ta' għawdex kif ukoll ħarġa kulturali oħra li ser tkun qed issir aktar tard f'Ottubru / Novembru.

D1 .Is-Sur Bruno saħaq illi hemm bżonn jintbgħat rapport formali lill-awtoritajiet ikkonċernati rigward 'caravans', trakkijiet u vetturi goffi oħra li qed jitħallew ipparkjati ġo 'parking bays' ta' karozzi normali madwar il-lokal speċjalment fi Triq is-Sienja kif ukoll fi Triq Straubenzee.

D2 Is-Sur Bruno ssuġerixxa li tajjeb li l-kunsill jaħseb għal żieda ta' parkeġġi tal-muturi fit-toroq madwar il-lokal għal fatt illi qed jinkrew ħafna muturi minn residenti speċjalment barranin li dawn qed jieħdu parkeġġi ta' karozzi fit-toroq li forsi għandom problema ta' parking.

D3 , d4 Is-Sur Bruno informam l-kunsill li waqa' ċint tas-sejjieħ fi Triq Patri Mattew Sultana kif ukoll ikkonferma li qed ikun hemm ħafna karozzi pparkjati fuq il-

bankina fl-istess triq imsemmija. Huwa qal ukoll li ser ikun qed jibgħat ritratti ta' dawn iż-żewġ punti lis-Seg Eżek biex ikollha bażi fuq xiex tibgħat ir-rapporti.

**10.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**10.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**10.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 9.20

**10.7 Mozzjonijiet**

10.7.1 Ma kienx hemm

**10.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

10.8.1 Is-Seduta ntemmet fil-11:30 am. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-14 ta' Ottubru 2020 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv